**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru : 76/2021 RM**

**Randolph Spiteri**

**-Vs-**

**Emanuel Cassar**

**Illum, 17 ta' Novembru 2022.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat minn Randolph Spiteri fir-Reġistru ta' din il-Qorti nhar it-30 ta' Marzu 2021 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut:

1. Prevja d-dikjarazzjoni illi bhala awtur ta' kumment fuq media soċjali ippublikat fil-media soċjali Facebook, nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Marzu tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin 2021 (kopja ta' l-kumment hawn anness u mmarkat Dok. A) int immalafamajt u illibellajt lill-esponent billi attakajtu l-integrità, l-unur u r-reputazzjoni personali tieghu, kif ukoll esponejtu lill-istess ghar-

redikolu u ghad-disprezz pubbliku, permezz ta' allegazzjonijiet u/jew insinwazzjonijiet serji li huma ghal kollox inveritieri u foloz kif ser jiġi ppruvat; u

2. Thallas lill-esponent, il-massimmu kontemplat fl-Artikolu 9 tal-Kapitolu 579 tal-Liġijiet ta' Malta kif joghġobha tistabbilixxi din il-Qorti bhala danni in riparazzjoni tal-malafama li huwa sofra b'konsegwenza tal-kumment fuq imsemmija, liema kumment kellu l-ghan li jtellef u jnaqqas ir-reputazzjoni, l-integrita u l-unur tiegħu.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut inġunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta ppreżentata mill-konvenut, Emanuel Cassar, fil-11 ta' Gunju 2021 fejn ġie eċċepit :-

i. Fl-ewwel nett l-intimat mhuwhiex il-leġittimu kuntradittur tal-azzjoni odjerna stanta illi b'mod preliminari trid issir il-prova illi l-intimat kien l-awtur tal-facebook post li fiha l-allegazzjonijiet in mertu.

ii. Illi bla preġudizzju ghas-suepost il-kummenti li hemm fil-facebook post in kwistjoni mhumiex libellużi u/jew malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti, iżda jikkonsistu biss f'fatti verifikabbli u/jew kummenti dwar kwistjonijiet fl-interess pubbliku li ghalhekk, huma fair comment, kritika aċċettabbli f'soċjetà demokratika u eżerċizzju tal-libertà tal-espressjoni sanċita, inter alia, mill-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Semgħet ix-xhieda ;

Rat il-provi kollha kif ukoll id-dokumenti kollha esebiti ;

Rat illi l-konvenut Emanuel Cassar baqa' ma ressaqx provi minkejja li ngħata diversi opportunitajiet biex jagħmel dan ;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-abbli avukati tal-attur u tal-konvenut ;

Rat l-atti kollha ;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat ;

L-attur jikkontendi illi s-segwenti stqarrija, ippubblikata mill-konvenut fuq Facebook fit-22 ta' Marzu 2021 hija libelluża u malafamanti:-

> "*jien haga nighdt. Li hafna nazzjonalisti isiehbu mal partit laburista bis skop wiehed u uniku. Biex jaghmlu il hsara, frame ups, u biex iwahlu il persuni flinkwiet. Kif ezatt qed jigi. Qed nireferi ghal Dawk li hadu karigi gholjin. Ezampju car bhal ma gara lili u qed insemmi isma Randolph spiteri kap ta' l operat tal habs impjieg li ha wara li kien imexxi il gazzetta ta pn fl istamperija ta pieta. Hafna jafu min hu imma xorta lehaqnih. Telqu u ghanka tkeccew laburisti il habs fistom jien. Nispera li ma ahnix kuntenti biex l zgur iresponsabli u jek dal laburisti u familthom ma jivutawx l ekezzjoni l li jmiss*"

Il-konvenut eċċipixxa fl-ewwel paragragfu tar-Risposta tiegħu illi huwa mhux il-leġittimu kontradittur tat-talba tal-attur kif imfassal fir-Rikors promotur u li trid issir prova li huwa kien l-awtur tal-pubblikazzjoni fuq Facebook li hija impunjata f'din il-kawża.

Minnufih jirriżulta li din l-eċċezzjoni hija bla bażi u dan għaliex meta xehed in subizzjoni, il-konvenut ikkonferma bla tlaqliq illi l-istqarrija impunjata, kontenuta fid-

dokument annessa mar-Rikors promotur, kitibha u ppubblikaha huwa stess fuq Facebook. L-Att dwar il-Midja u l-Malafama jipprovdi illi l-azzjoni ċivili għal malafama tista' tittieħed kontra kull waħda minn dawn il-persuni: (a) l-awtur, jekk huwa jkun ipproduċa x-xogħol sabiex jiġi ppubblikat, jew jekk ikun ta l-kunsens tiegħu għal hekk; (b) l-editur, jew, jekk dawk il-persuni ma jkunux jistgħu jiġu faċilment identifikati, (ċ) ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni. Huwa għalhekk indiskuss illi l-konvenut, bħala l-awtur tal-pubblikazzjoni impunjata f'din il-kawża, huwa leġittimu kontradittur u konsegwentement l-ewwel eċċezzjoni tiegħu hija manifestament ħażina.

Ikkunsidrat;

Qabel xejn irid jiġi stabbilit x'inhi l-imputazzjoni li titnissel mill-istqarrija impunjata, Jingħad illi fl-istħarriġ tal-kwistjoni jekk fil-pubblikazzjoni impunjata, saritx imputazzjoni diffamatorja fil-konfront tal-persuna aggravata, għandu jigi stabbilit jekk mill-kuntest sħiħ tal-pubblikazzjoni, persuna raġjonevoli u ta' intelliġenza ordinarja ("*an ordinary, reasonable person*"), tkun kapaċi tifhem dik l-istqarrija bħala waħda li minnha raġjonevolment tinsilet l-imputazzjoni impunjata.

Il-Qorti tqis illi l-imputazzjonijiet li jwassal il-konvenut fil-post tiegħu fuq Facebook huma tnejn u jiftiehmu faċilment minn qari ħafif ta' din il-pubblikazzjoni:

(i) illi l-attur Randolph Spiteri huwa wieħed min-Nazzjonalisti li skont l-istess konvenut, issieħbu mal-Partit Laburista biex jingħataw karigi importanti mill-Gvern biex imbagħad jużaw il-kariga sabiex jagħmlu l-ħsara, *frame-ups* u biex iqanqlu inkwiet lil ħaddieħor; u

(ii) illi l-konvenut innifsu huwa vittma tal-ħsara li jwettaq l-attur fil-kariga tiegħu ta' kap tal-operat tal-ħabs, għaliex huwa tkeċċa inġustament mill-impieg tiegħu fil-ħabs minħabba l-attur.

L-attur jissemma b'ismu fil-pubblikazzjoni impunjata u għalhekk mhemmx dubju li huwa identifikat. Il-Qorti għalhekk trid tgħaddi biex tistabbilixxi jekk il-kriterju ta' ħsara serja ghar-reputazzjoni, stabbilit mill-Artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama (l-Att) huwiex sodisfatt fil-każ partikolari. Dan l-Artikolu jistipola illi stqarrijiet m'humiex diffamatorji sakemm ma jikkawżawx ħsara serja jew ikunu jistgħu jikkawżaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna jew persuni speċifiċi li jagħmlu t-talba u f'każ ta' korp li jopera għal profitt, telf finanzjarju serju.

Dwar il-prova tal-ħsara għar-reputazzjoni, il-Gatley jgħid hekk-

"*Proof that serious harm to reputation has actually occurred will obviously suffice but the claimant need only prove that such harm was likely. The harm need not manifest itself in financial terms, though it may do so: serious harm for the purposes of this provision may also be established by proof that the effect of the libel was to cause others to shun the claimant, or that the claimant was caused serious injury to feelings, distress, hurt and/or humiliation.*"[1]

Dan ifisser illi mhux meħtieġ li l-attur iressaq prova li huwa attwalment ġarrab ħsara f'termini finanzjarji jew tanġibbli jew li r-reputazzjoni tiegħu ntlaqitx negattivament b'mod konkret bħala riżultat tal-allegat malafama.

Skont il-Gatley:-

"*... whether a publication has caused or is likely to cause, serious harm is likely to require a careful investigation of facts of the particular case and in particular the inherent gravity of the allegation, the nature and status of the publisher and publishee, the claimant's current reputation and financial position, and whether similar allegations have been published before.*"[2] [emfasi tal-Qorti]

---

[1] Gatley On Libel and Slander, Twelfth Ed. [2013] 2.6, pg. 41.
[2] Gatley, *supra*, p. 41, 2.5. Bħala parti minn dan l-istħarrig:- "*Questions of tone and expression, as well as the medium and extent of publication, will all be relevant. The focus will be on the effect or potential effect of the*

Applikat dan l-insenjament għall-fatti tal-każ, il-Qorti tqis illi l-imputazzjonijiet li jitnisslu mill-istqarrija tal-konvenut meta din tinqara b'mod sħiħ, huma kapaċi fihom infushom li jagħmlu ħsara sejra lir-reputazzjoni tal-attur għaliex il-qarrej ordinarju dodat b'intelliġenza normali raġjonevolment jifhem illi **l-attur huwa opportunist politiku li jabbuża mill-kariga pubblika li rnexxielu jikseb, biex jagħmel ħsara għal raġunijiet politiċi lil min jaqa' taħt it-tmexxija tiegħu. Dan hu attakk mhux biss fuq il-karattru personali tal-attur iżda wkoll fuq il-kondotta tiegħu fit-twettiq ta' dmirijietu bħala kap tal-operat tal-ħabs**.

Fil-fatt, hu ġeneralment aċċettat fil-ġurisprudenza tal-qrati Inglizi kif ukoll lokali, illi imputazzjoni li l-persuna aggravata kien jew seta' kien possibbilment involut sa ċertu grad, f'attivita` illeċita jew att kriminali jew, fi kliem Collins[3], imputazzjoni li minħabba f'xi kondotta partikolari, il-persuna aggravata huwa "*dishonest or a fraud, a hypocrite, dishonourable, immoral, or actuated by some improper motive, insolvent or unwilling to pay debts or incompetent or otherwise unfit for some role.*"[4], huma kkunsidrati bhala diffamatorji.

Għandu jingħad li l-kariga ta' kap tal-operat tal-ħabs ċioe' ta' entita' li tmexxi faċilita' penali u korrettiva, hija waħda sensittiva u ta' responsabbilita' gravi li tesiġi grad sostanzjali ta' kompetenza, serjeta` u kontabbilita`. Għalhekk, kull imputazzjoni li l-attur fit-twettiq ta' din il-kariga huwa motivat minn skopijiet ulterjuri, timpinġi direttament fuq il-kompetenza tiegħu fl-istess kariga u tnaqqas mill-fiduċja fih bħala persuna f'kariga pubblika, kif ukoll tiskreditah. Effettivament, l-imputazzjoni li l-attur jabbuża l-kariga tiegħu għal raġunijiet politiċi fiha propensita' qawwija li toskura

---

*statement on the reputation, rather than the feelings, of the claimant*" - Collins on Defamation (2014 Ed.) p. 154 7.32.

[3] 6.10 p. 117.

[4] Fil-kaz celebri **Sim v. Stretch** - 1936, 2 All England Law Reports, 1237 (House of Lords, per Lord Atkin) - gie ritenut illi sabiex jigi stabbilit jekk l-istqarrija impunjata twassalx imputazzojni li hi diffamatorja, irid jigi affermat illi "*the words tend to lower the plaintiff in the estimation of right-thinking members of society generally*".

b'mod serju l-istima tal-attur f'ghajnejn il-pubbliku in ġenerali[5], kif ukoll twassal ghal certu element ta' stmerrija fil-konfont tieghu.

L-attur xehed li minħabba l-pubblikazzjoni li saret mill-konvenut, impunjata f'din il-kawża, persuni oħrajn inkluż ħbieb tiegħu li huma laburisti, stqarrew miegħu li ma kienux jobsru għalih li jagħmel il-ħsara lil-laburisti u kkummentaw kif issa qed jagħmel il-*frame-ups*. L-attur ċaħad illi huwa ġie mlaħħaq fil-kariga ta' kap tal-operat tal-ħabs għaliex huwa kien applika għal din il-kariga meta kien hemm sejħa għal applikazzjonijiet, bħalma għamel ħaddieħor, u ġie magħżul abbażi tal-abbilitajiet tiegħu stess. Ċaħad ukoll li qatt għamel xi *frame-up* lil xi ħadd u insista illi fil-kariga tiegħu bħala kap tal-operat tal-ħabs, huwa qatt ma mexa biex jagħmel ħsara lil ħadd, la għal raġunijiet politiċi u lanqas għal raġunijiet ta' reliġjon jew ġenru. Iddikjara li huwa ħassu malafamat b'dak li nkiteb mill-konvenut għaliex l-integrita' tiegħu f'għajnejn is-soċjeta' ġiet kompromessa u mittiefsa.

Stabbilit illi l-istqarrijiet ippubblikati mill-konvenut fihom il-propensita' li jikkaġunaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur, u kwindi huma diffamatorji għall-attur, il-Qorti trid tgħaddi biex tistħarreġ is-siwi o meno tal-eċċezzjonijiet li bihom il-konvenut laqa' għat-talba fir-Rikors promotur.

Skont il-konvenut, l-istqarrijiet ippubblikati minnu mhux libellużi u malafamanti għaliex jikkonsistu fi fatti verifikabbli u jew kumment dwar kwistjonijiet fl-interess pubbliku u konsegwentement, għandhom jitqiesu bħala *fair comment*.

Il-Qorti tosserva illi d-difiża ta' *fair comment* filwaqt li ma kienetx prospettata espressament fil-Kap. 248 iżda kienet rikonoxxuta u msawra mill-ġurisprudenza, ma tissemmiex lanqas fl-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579)[6]. Madanakollu, din id-difiża ġiet kodifikata statutorjament bin-nomenklatura "*opinjoni onesta*"[7] u tinsab

---

[5] *"the words will be defamatory because of the injury to his reputation in his trade, profession or office and that is enough."*

[6] Minn hawn 'il quddiem imsejjha "l-Att".

[7] Artikolu 4(2) tal-Kap. 579.

regolata mill-istess kriterji li jsawru d-difiza magħrufa bħala *honest opinion* fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3 tad-Defamation Act (UK) 2013, kriterji li huma iktar wiesa' minn dawk li kienu ġew żviluppati mill-ġurisprudenza għas-suċċess tad-difiża tal-*fair comment.* Dan seħħ bil-għan evidenti li jkompli tiġi aġevolata l-liberta' tal-espressjoni u għalhekk hija l-fehma tal-Qorti li d-difiża tal-opinjoni onesta maħsuba fl-Artikolu 4(2) tal-Att ma għandhiex titqies bħallikieku hija xi kunċett innovattiv li jikkostitwixxi difiża sostantivament differenti minn dik tal-kumment ġust għaliex effettivament tirrappreżenta fis-sostanza dik li qabel kienet tissejjaħ *fair comment*. Kemm hu hekk, dawn iz-zewġ difiżi entrambi jsibu riskontru biss f'każ li l-istqarrija allegatament diffamatorja tikkostitwixxi dikjarazzjoni ta' opinjoni u mhux stqarrija ta' fatt.

Collins jgħid hekk fir-rigward tad-difiża ta' "*honest opinion*":-

"*... the common law defence of fair comment has been abolished .... and* ***replaced with a statutory defence of honest opinion that is intended for the most part to reflect the common law***."[8] [emfasi tal-Qorti]

Għalhekk, il-ġustizzja tesiġi li l-eċċezzjoni tal-konvenut ta' "*fair comment",* inkorporata fit-tielet paragrafu tar-Risposta tiegħu, titqies u tiġi trattata bħala eċċezzjoni ta' opinjoni onesta a tenur tal-Artikolu 4(2) tal-Att.

Il-konvenut xehed in subizzjoni fejn filwaqt illi afferma li l-istqarrija impunjata mill-attur ġiet ippubblikata minnu, fisser illi huwa kiteb dik l-istqarrija wara li ngħata raġun mill-Ombudsman fir-rapport dwar l-investigazzjoni li saret dwar it-tkeċċija tiegħu mill-impieg, fejn ġie deċiż li huwa tkeċċa inġustament mill-impieg tiegħu bħala uffiċjal korrettiv[9]. Il-konvenut spjega illi huwa tkeċċa minħabba argument li kellu mal-attur fuq qmis u stqarr illi għalkemm huwa minnu li mkien fir-rapport tal-

[8] On Defamation, *supra,* 9.03, p. 188.
[9] Ara xhieda tal-attur, fol. 22.

Ombudsman ġie konkluż li kien sar *frame-up* kontrih, dan ir-rapport ikkonkluda li huwa tkeċċa mill-impieg minħabba l-attur.

Il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi, huwa mixħut fuq il-konvenut l-oneru li jissostanzja l-imputazzjonijiet li għamel fil-pubblikazzjoni tiegħu, u dan billi juri li dawn għandhom bażi fattwali suffiċjenti. Dan hu meħtieġ anke sabiex il-Qorti tkun konvinta li l-konvenut aġixxa in *buona fede* meta ppubblika l-istqarrijiet impunjati Huwa minnu li l-konvenut xehed illi huwa tkeċċa mill-impieg tiegħu inġustament minħabba l-attur, iżda baqa' qatt ma ressaq il-prova meħtieġa – konsistenti fir-rapport tal-Ombudsman li huwa semma fix-xhieda tiegħu - biex jissostanzja din l-allegazzjoni tiegħu u b'hekk baqa' ma kkonvinċiex lill-Qorti kif l-opinjoni tiegħu li l-attur għamel *frame-up* fil-konfront tiegħu u tkeċċa mill-impieg minħabba l-istess attur, hija waħda li persuna onesta jista' jkollha.

Biex id-difiża tal-opinjoni onesta tiġi invokata b'suċċess, il-konvenut f'azzjoni ta' libell jeħtieġlu jissodisfa l-kriterji kollha msemmija fl-Artikolu 4(2) tal-Att. Għalkemm il-Qorti taqbel li l-istqarrijiet impunjati mill-attur jikkonsistu effettivament f'dikjarazzjoni tal-opinjoni tal-konvenut u taqbel ukoll illi f'din id-dikjarazzjoni l-konvenut indika suffiċjentement illi l-opinjoni tiegħu hija bbażata fuq il-fatt illi huwa tkeċċa mill-impieg tiegħu, hija manifestament nieqsa l-prova dwar il-fatti li għamel referenza għalihom il-konvenut fix-xhieda tiegħu, jew il-prova tad-dikjarazzjoni privileġġjata li fuqhom persuna onesta setgħet tesprimi l-istess opinjoni tiegħu.

Fin-nuqqas ta' dawn il-provi - provi li kienu jispettaw lill-konvenut fiċ-ċirkostanzi biex juri li kien ġustifikat jippubblika stqarrija li hija fiha nnifisha kapaċi tiskredita u timmina l-integrita` tal-attur b'rabta mal-kariga pubblika tiegħu - il-Qorti ma tistax tqis li d-difiża tal-opinjoni onesta hija mistħoqqa. Kif ingħad, il-konvenut minkejja li ngħata xejn inqas minn tliet opportunitajiet biex jissostanzja l-allegazzjonijiet li għamel fil-konfront tal-attur, baqa' qatt ma pproduċa dan r-rapport tal-Ombusdman jew prova oħra biex jikkonvinċi lill-Qorti li persuna onesta setgħet kellha l-istess opinjoni li huwa esprima fil-pubblikazzjoni impunjata, ċioe' li l-attur ġie mlaħħaq fil-

kariga tiegħu għaliex aġixxa b'opportuniżmu politiku u dan biex jista' jagħmel ħsara u *frame-ups* lilu u lil laburisti oħrajn bħalu. Dan ifisser illi m'hemmx prova illi l-opinjoni tal-konvenut li l-attur wettaq *frameup* fil-konfront tiegħu, hija waħda onesta.

Ikkunsidrat;

Fit-tieni paragrafu tar-Risposta tiegħu, il-konvenut sostna wkoll li l-kummenti tiegħu jikkostitwixxu dikjarazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku. Hawnhekk tiffigura d-difiża maħsuba fl-Artikolu 5 tal-Att, li jipprovdi:-

*(1) Hija difiża għal azzjoni ta' malafama li l-konvenut juri li –*
*(a) id-dikjarazzjoni li dwarha sar l-ilment kienet, jew kienet tifforma parti minn, dikjarazzjoni ta' materja ta' interess pubbliku; u*
*(b) il-konvenut raġonevolment emmen li l-pubblikazzjoni ta' dik l-istqarrija li sar l-ilment dwarha kienet ta' interess pubbliku.*

Għas-suċċess tad-difiża taħt l-Artikolu 5 tal-Att il-konvenut irid jissodisfa r-rekwiżit li l-pubblikazzjoni, *in toto* jew in parti, irid ikun dwar materja ta' interess pubbliku. L-Att ma jipprovdix definizzjoni jew linji gwida dwar it-tifsira tal-kunċett ta' interess pubbliku proprju għaliex din il-kwistjoni hija waħda ta' liġi li għandha tiġi deċiża mill-qorti fl-isfond taċ-ċirkostanżi tal-każ partikolari. Fil-fehma ta' din il-Qorti, huma materji ta' interess pubbliku l-oqsma tal-amministrazzjoni tal-gvern, kondotta politika u involviment f'reati serji:-

"*if it was 'such as to affect people at large, that they may be legitimately interested in, or concerned at, what is going on; or what may happen to them or to others.*"[10]

Ukoll:

[10] Collins, *supra*, 9.86, p. 213.

"*... if it concerned the conduct of any person that inherently, expressly or inferentially invited public criticism or discussion.*"[11]

Gatley jelenka serje ta' materji li skont diversi deċiżjonijiet tal-qrati in tema tal-kunċett tal-interess pubbliku, ġew meqjusa bħala ta' interess pubbliku:-

*"... the business of government and political conduct; ... the fair and proper administration of justice; ... the conduct of the police; cheating, corruption ... involvement in serious crimes; corporate malpractice; ...*"[12]

Applikat dan l-insenjament għall-istqarrijiet impunjati, il-Qorti ma taqbilx li dawn huma jew saru dwar materja ta' interess pubbliku.

Ibda biex it-twemmin politiku tal-attur bl-ebda mod ma jista' jitqies li huwa soġġett li jinteressa, raġjonevolment u leġittimament, lill-pubbliku in ġenerali. Għall-bqija, filwaqt li huwa minnu li l-attur kien jokkupa kariga pubblika bħala l-kap tal-operat tal-ħabs u bħala tali huwa soġġett għal skrutinju pubbliku, huwa wkoll minnu li d-dikjarazzjonijiet tal-konvenut dwar il-kondotta tal-attur jikkonsistu f'allegazzjonijiet vagi, ġeneriċi u mhux sostanzjati dwar *frame-ups* u f'allegazzjoni dwar tkeċċija mill-impieg tal-konvenut innifsu. Dikjarazzjonijiet li, meta wieħed iqis ukoll li kienu evidentement marbutin ma' diverġenza dwar twemmin politiku iżda mingħajr ebda rabta ma' kuntest li jista' jitqies bħala wieħed li jiġġenera interess kbir fil-pubbliku jew li jqanqal dibattitu mill-pubbliku in ġenerali, ma jiffigurawx bħala dikjarazzjonijiet dwar materji ta' interess pubbliku.

In fine, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Dr. Alfred Sant v. Dione Borg et**[13]:-

---

[11] **John Fairfax Publications Pty Ltd. V. Hitchcock** (2007) NSWCA 364 70 NSWLR 484 para. 143.
[12] *Supra*, 15.6, p. 645, 646.
[13] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' April 2002.

"*Implikazzjonjiet mingħajr fondament, magħmula għal kwalunkwe raġuni, anke possibbilment għal raġuni politika, ... ma jistgħu qatt jiġu aċċettati la fil-kuntest ta' fatti li qajjmu interess pubbliku u lanqas fejn hemm involuti nies pubbliċi.*"

Għaldaqstant, il-Qorti tqis li dan il-kriterju fondamentali tad-difiża ta' dikjarazzjoni dwar materja ta' interess publbliku m'huwiex sodisfatt u d-dikjarazzjonijiet impunjati ma jistgħux jitqiesu li huma dwar materja ta' interess pubbliku għall-finijiet tad-difiża taħt l-Artikolu 5 tal-Att.

Ikkunsidrat;

Fit-trattazzjoni finali l-abbli difensur tal-konvenut għamel referenza għall-kunsiderazzjonijiet li saru minn din il-Qorti kif preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **William Beck v. Glorianne Pace**, fejn ġiet trattata l-materja ta' okkażjoni privileġġjata fejn dikjarazzjonijiet jew komunikazzjonijiet, anke jekk huma malafamanti, isiru f'okkażjoni bħal din, huma koperti bi privileġġ. Iżda l-Qorti ma taqbilx li d-dikjarazzjoni pubblikata mill-konvenut tista' titqies bħala waħda magħmula f'okkażjoni privileġġjata għaliex f'dan il-każ hija nieqsa l-prova li l-konvenut kien qed jaġixxi in bażi ta' dmir jew interess li għandu f'xi materja li kienet qed tiġi diskussa, u wkoll il-prova illi li l-persuni li rċevew id-dikjarazzjoni tiegħu kellhom interess jew dritt korrispondenti li jirċievu dan il-materjal.

Ġie ritenut illi għas-suċċess ta' difiża bħal din:

"*It may be accepted as a well-established rule that some duty or interest must exist in the party to whom the communication is made as well as the party making it. The duty or interest may be common to both parties, but this is not essential, it is enough if there is a duty or interest on one side, and a duty or interest, or interest or duty (whether common or corresponding or not) on the other.*"[14]

[14] Ċitata mid-deċiżjoni **Mallan v. Bickford** (1915), South Australia per Murray J.

Iżda fil-każ li għandha quddiemha, il-Qorti ma riskontrat l-ebda interess jew dmir komuni fil-komunikazzjoni tal-allegazzjonijiet tal-konvenut dwar il-kondotta tal-attur u l-attakk fuq l-integrita' u r-reputazzjoni tiegħu. Fil-fatt, m'huwiex ċar mill-provi x'kienet il-materja li kienet qed tiġi diskussa fuq il-profil tal-Facebook li fuqu ġiet pubblikata l-istqarrija tal-konvenut u ma jirriżultax lanqas min kienu r-reċipjenti ta' dik il-pubblikazzjoni u li dawn kellhom interess jew dritt li jirċievuha.

Ikkunsidrat;

Illi stabbilit illi l-istqarrija ppubblikata mill-konvenut hija diffamatorja għall-attur, il-Qorti trid tgħaddi biex tillikwida d-danni bl-applikazzjoni tal-kriterji maħsuba fl-Artikolu 11 tal-Kap. 579.

Tibda biex tosserva illi filwaqt li l-malafama hija waħda serja għar-raġunijiet diġa' msemmiha, m'hijiex konvinta illi l-konvenut kien motivat minn malafede meta ddikjara li l-attur huwa responsabbli għat-tkeċċija mill-impieg tiegħu bħala uffiċċjali korrettiv. Il-Qorti fehmet illi l-konvenut verament jemmen li din it-tkeċċija seħħet inġustament minħabba raġunijiet imputabbli lill-attur. Hija sfortuna li r-rapport tal-Ombudsman li rrefera għalih il-konvenut in sostenn tad-dikjarazzjonijiet ippubblikati minnu, baqa' ma ġiex esebit fl-atti għaliex dan kien jelimina kull ekwivoku dwar ir-raġuni għal din it-tkeċċija mill-impieg.

Iżda f'kull każ, il-Qorti tqis illi l-konvenut ma eżerċitax id-diliġenza mitluba qabel ippubblika l-allegazzjoni tiegħu li l-attur jabbuża mill-kariga tiegħu biex deliberatament jagħmel ħsara lil laburisti billi jagħmel *frame-ups* u joħloq l-inkwiet. Kemm hu hekk, il-konvenut innifsu stqarr fix-xhieda tiegħu li mkien ma ġie konkluż fir-rapport tal-Ombudsman li kien sar *frame-up* kontrih u din hija biss konklużjoni li wasal għaliha hu.

Ħadet qies ukoll tal-fatt illi d-dikjarazzjonijiet impunjati saru fil-konfront ta' persuna li dak iż-żmien kienet tokkupa kariga pubblika mingħajr ma ntwera li dawn jirriflettu

l-kondotta fattwali tiegħu f'din il-kariga, kif ukoll il-fatt li l-imputazzjonijiet ġew pubblikati fuq pjattaforma tal-midja socjali li hi aċċessibbli fiha nnifisha minn numru indefinit ta' persuni.

Iżda fl-istess waqt ma tistax ma tosservax li l-attur ma ressaqx provi biex juri fuq liema profil tal-Facebook ġew ippubblikati l-imputazzjonijiet malafamanti u naqas ukoll milli jfisser jekk dan il-profil huwiex aċċessibbli liberament jew biss għal persuni partikolari. Ma ppruvax lanqas li l-imputazzjonijiet għamlu ħsara attwali lir-reputazzjoni tiegħu u fil-fatt, ma ressaqx bħala xhieda l-persuni li huwa xehed li rrejaġixxew negattivament għall-pubblikazzjoni tal-konvenut.

In konklużjoni u bl-applikazzjoni tas-subartikolu (4) tal-Att u fl-interess tal-proporzonalita', fil-valutazzjoni tas-somma li għandha tingħata lill-attur il-Qorti sejra tieħu in konsiderazzjoni wkoll il-kapaċità ekonomika tal-konvenut, li f'dawn il-proċeduri kien ammess għall-għajnuna legali.

**In konklużjoni, il-Qorti ma tistax tirribadixxi illi l-jedd ghal-liberta` tal-espressjoni ma jista' qatt jigi interpretat bħallikieku jagħti protezzjoni lil min jippubblika kif ġieb u laħaq fuq pjattaforma tal-midja soċjali bħalma huwa Facebook, imputazzjonijiet li huma kapaci jew li effettivament iħassru r-reputazzjoni ta' individwu. Il-midja soċjali hija ġeneralment aċċessibbli minn firxa ħafna iktar wiesa' ta' qarrejja milli huma l-mezzi tradizzjonali ta' pubblikazzjoni u għalhekk, il-ħsara li tista' tiġi rekata lir-reputazzjoni ta' persuna oħra tista' tkun irreparabbli. Dan ifisser li l-obbligu li dak li jkun jagħmel l-aċċertazzjonijiet u verifiki neċessarji biex iqis li dak li jkun qed jiġi ppubblikat jirrispekkja dak li huwa fattwalment korrett, talanqas in sostanza, u l-obbligu li l-pubblikatur iwieżen u jgħarbel il-kummenti tieghu qabel ma jippubblikahom, huwa iktar oneruż f'każ ta' pubblikazzjonijiet ta' din ix-xorta, anke minħabba l-fatt li l-pubblikazzjoni tista' tibqa' aċċessibbli indefinittivament.**

Fil-qies ta' dan kollu, il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tillikwida s-somma ta' sitt mitt Euro (€600) in linea ta' danni morali.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi li filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa' t-talba tal-attur RANDOLPH SPITERI, tiddikjara li l-pubblikazzjoni fuq Facebook tat-22 ta' Marzu 2021 (Dok. A) hija libelluża u malafamanti fil-konfront tal-istess attur u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' sitt mitt Euro (€600) in linea ta' danni morali.**

**L-ispejjez jithallsu mill-konvenut.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**